Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 7/2016

**Raymond Spagnol**
**(appellant)**

**Vs**

**Board of Management tat-Teatru Manwel**
**(appellat)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. Dan hu appell ta' Raymond Spagnol minn sentenza tat-Tribunal Industrijali fis-27 ta' Jannar, 2016 li biha ddeċieda li t-talba tal-appellant hi preskritta peress li fid-data li kien preżentat ir-rikors promotur, kienu għaddew aktar minn 4 xhur mit-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn mal-intimat.

2. Il-fatti rilevanti huma:

    2.1. Fid-19 ta' Diċembru 2014, Raymond Spagnol fetaħ proċeduri fit-Tribunal Industrijali kontra l-Board of Management tat-Teatru Manoel. Huwa allega li l-impieg tiegħu mal-intimat ġie terminat inġustament u talab li jerġa jidħol fil-post tax-xogħol.

    2.2. L-intimat wieġeb[1] li in linea preliminari t-talba tar-rikorrent hija preskritta peress li għaddew aktar minn erba' (4) xhur mit-terminazzjoni tal-impieg tiegħu minn magħha. Bla ħsara għal dan, ċaħad it-talbiet tar-rikorrent fil-mertu.

    2.3. B'deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2016[2] it-Tribunal Industrijali laqa' eċċezzjoni.

    2.4. Fit-8 ta' Frar 2016, ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni preliminari iżda b'rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2016, talab lill-Qorti tal-Appell tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti

[1] Fol. 6
[2] Fol. 73 - 75

Ċivili (Sede Kostituzzjonali), *'sabiex jiġi determinat jekk illi proċeduri tat-tribunal industrijali fl-ismijiet premessi jmorrux kontra l-provvedimenti tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta'.*

2.5. B'digriet tal-25 ta' Mejju 2016 din il-Qorti laqgħet it-talba u bagħtet l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *'Jiġi deċiż jekk il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 30(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta tqis:*
>
> *i. il-mod kif jinħatar chairperson tat-tribunal;*
> *ii. security of tenure ta' chairperson tat-tribunal.'*

2.6. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) wieġbet hekk:

> *'1. Twiegeb għall-kwistjoni riferuta lilha mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bid-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2016 billi ssib li l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jikser id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta tqis:- (i) il-mod kif jinħatar chairperson tat-tribunal; u (ii) security of tenure ta' chairperson tat-tribunal;'*

2.7. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors tal-24 ta' Lulju 2017.

2.8. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2018 il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet kif ġej:

> *'21. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi t-tweġiba għar-referenza kostituzzjonali magħmula mill-Qorti tal-Appell għandha tkun illi ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità tat-Tribunal Industrijali.*
>
> *22. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u, minflok, twieġeb għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Appell billi tgħid illi l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) ma jiksirx id-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif garantiti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 30(2) tal-*

*Kostituzzjoni ta' Malta, la fil-mod kif jinħatar chairperson tat-tribunal u lanqas fil-garanziji kontra tkeċċija arbitrarja ta' chairperson tat-tribunal.*

*23. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell sabiex jitkompla s-smigħ tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali.*

*24. Billi l-liġi dwar il-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali nbidlet wara li saret ir-referenza mill-Qorti tal-Appell, huwa xieraq li l-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn Spagnol u l-Avukat Ġenerali.'*

3. L-aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal Industrijali agħmel apprezzament ħażin tal-liġi meta kkonkluda li l-impieg tiegħu ġie terminat fit-30 ta' Ġunju 2014. Jikkontendi li kellu jirriżulta minflok li l-impieg tiegħu intemm fit-30 ta' Settembru 2014 u li l-proċeduri odjerni ġew intavolati entro erba' xhur minn din id-data. Talab għalhekk li din il-Qorti:

*'tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal Industrijali presjedut mis-Sur Charles Cassar u konsegwentement, filwaqt illi tiddikjara illi dawn il-proċeduri ġew istitwiti entro t-terminu stabbilit fil-liġi, tirrimandi l-atti lura lit-Tribunal Industrijali għall-prosegwiment fuq il-mertu.'*

4. L-appellat wieġeb illi minkejja l-aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi, l-argumenti minnu mressqa jirrigwardaw allegat apprezzament ħażin tal-provi u għalhekk josta l-artikolu 82(3) ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta). Fil-mertu jikkontendi li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet korretta.

**Konsiderazzjoni.**

5. Il-lanjanza tal-appellant hi li t-Tribunal Industrijali għamel apprezzament ħażin tal-liġi meta kkonkluda li l-impieg tal-appellant ġie terminat fit-30 ta' Ġunju 2014. Igħid li minkejja mid-dokumenti tal-ETC jirriżulta li huwa kien '*self employed*' għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u t-30 ta' Settembru 2014, mill-provi t-Tribunal kellu jikkonkludi li huwa jinkwadra ruħu fid-definizzjoni ta' '*impjegat*' li tinsab fil-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk kellu jitqies li kien għadu impjegat sat-30 ta' Settembru 2014.

6. Dik il-parti tas-sentenza fejn hemm il-motivazzjoni taqra hekk:

*'L-Appellant jghid li fl-1 ta' Lulju, 2013, bhala 'self-employed' huwa kien inghata 'direct order' mit-Teatru Manoel sabiex jaghmel xoghol ta'' stage-hand'. Dan l-intrigu dam 5 xhur.*

*Fl-1 ta' Jannar, 2014, l-Appellant gie mpjegat 'full-time stage-hand/general-hand' mat-Teatru Manoel fuq bazi ndefinita. Dan l-impjieg kien gie mitmum fit-30 ta' Gunju, 2014, propju fl-ahhar jum tal-'probation period'.*

*L-Appellant jghid li fl-1 ta' Lulju, 2014, huwa bhala 'self employed' beda jaghti servizzi tieghu bhala 'stage-hand' gewwa l-Medditteranean Conference Centre (MCC), u dan bil-hlas dovut lilu jircevieh minghand it-Teatru Manoel.*

*Dan l-ahhar intrigu gie fi tmiemu 3 xhur wara u cjoe fl-ahhar ta' Settembru 2014.*

*...*

*Sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-kaz li nfetah kontra t-Teatru Manoel, dan it-Tribunal analizza bir-reqqa dovuta mhux biss id-dokumentazzjoni li giet ipprezentata izda ukoll ix-xhieda ta' l-istess Appellant. Dan ghamlu fl-inkwadratura tal-legislazzjoni li tirrelata ma' dan il-kaz u cjoe* ***Art.34(2) Kap 452, Art.2 Legislazzjoni Sussidjarja 452.99, u Art 10(2) Avv.Leg. 44-2012*** *u wkoll fl-isfond li s-Socjeta' ntimata hija kkunsidrata li taghmel parti mis-Settur Pubbliku.*

*Mix-xhieda u minn dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Appellant johrog li l-ewwel impenn lavorattiv li huwa kellu mas-Socjeta' ntimata kien ta' 5 xhur u dan bejn Lulju u Novembru 2013. Ix-xhud stqarr li hu kien inghata* ***'direct order'*** *mis-Socjeta' ntimata, u dan meta kien jahdem ghal rasu. Dokumentazzjoni tal-ETC iffirmata mill-istess Appellant tindika li bejn il-25 ta' Gunju u l-15 ta' Novembru, 2013, huwa kien* ***'self employed'***.

*L-Appellant jistqarr li fl-1 ta' Jannar, 2014, huwa kien inghata* ***mpjieg*** *bhala 'stagehand and general hand' mas-Socjeta' ntmata. Liema mpjieg gie mitmum nhar it-30 ta' Gunju, 2014. Dokumentazzjoni tal-ETC iffirmata kemm mill-Appellant u anke mill-Financial Controller ghan-nom tas-Socjeta' ntimata jikkonfermaw kemm dan l-***impjieg** *u anke d-durata tieghu.*

*Dokumentazzjoni ohra tal-ETC iffirmata mill-Appellant tindika li bejn 1 ta' Lulju, 2014, u t-30 ta' Settembru, 2014, l-Appellant rega' beda jahdem bhala* ***'self employed'***. *Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-Appellant jistqarr li wara tterminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-Socjeta' ntimata 'Effettivament jiena ghamilt tlett xhur nahdem gewwa l-MCC.....'.*

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-impjieg tal-Appellant minn mas-Socjeta' ntimata kien intemm nhar it-30 ta' Gunju, 2014.*

*Dan filwaqt li l-kaz kien gie pprezentat minnu nhar id-19 ta' Dicembru, 2014.*

*L-Art.75(3) tal-Kap 452 jghid li 'kull referta..... ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni ......u ghandha fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat'.*

7. L-artikolu 75(3) tal-Kap 452 jistabbilixxi terminu ta' dekadenza ta' erba' xhur sabiex każijiet ta' allegat tkeċċija inġusta jintbagħtu lit-Tribunal. Dan it-terminu jiskatta mid-data effettiva <u>tal-ksur allegat</u>. Is-subartikoli (2) u (3) jipprovdu testwalment li:

> *'(2) Meta jiġi **allegat** li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem lij **allega** l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem.*
>
> *(3) Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn erba' xhur **mid-data effettiva tal-ksur allegat**'.*[3]

8. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ippremetta li:

> *"Illi l-esponent kien daħal bħala impjegat mal-Board of Management tat-Teatru Manwel u dan f'Lulju tas-sena 2013 bħala stage hand. Fil-fatt hu dam jagħmel dan ix-xogħol għall-ħames xhur. Dan kien b'kuntratt definit. Sussegwentement, dan l-istess kuntratt ġie mġedded fl-1 ta' Diċembru 2013. B'hekk l-impjieg tiegħu ġie ta' natura indefinita. Huwa baqa' jagħmel l-istess xogħol. Wara sitt xhur taħt dan it-tieni kuntratt, huwa ġie mwaqqaf min dan ix-xogħol u beda kuntratt ieħor ta' tlett xhur. Sussegwentement, l-impieg tiegħu ġie tterminat fl-aħħar ta' Settembru, 2014.*
>
> *Illi l-esponent jikkontendi li l-impieg tiegħu kien sar wieħed indefinit taħt l-artikolu 34(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta".*

9. Mill-atti jirriżulta li:

   i. Bejn il-25 ta' Gunju u 15 ta' Novembru, 2013 l-appellant kien jagħti servizz lill-appellat. Hu kien reġistrat bħala *self-employed*.
   ii. Sussegwentement, b'ittra datata 20 ta' Diċembru, 2013 il-kap eżekuttiv ta' Teatru Manoel għarraf lill-appellant li l-Bord kien qiegħed joffrilu impieg bħala Stagehand/General Hand tat-Teatru Manoel **b'effett mill-1 ta' Jannar, 2014** soġġett għall-perjodu ta' sitt xhur *probation*. Fl-ittra jingħad li l-impjieg kellu jkun għall-perjodu indefinit. Offerta li l-appellant aċċetta tant hu hekk li beda jaħdem. Tant jidher li l-impieg kien wieħed għall-perjodu indefinit li fit-*termination form* ir-raġuni li ngħatat għat-terminazzjoni hi, *"terminated during probationary period"* u mhux *"End of contract"*. L-

---

[3] Enfasi tal-Qorti

appellat stess jaċċetta li t-tieni kuntratt ta' impieg kien għal żmien bla limitu (ara tielet paragrafu tat-tweġiba li ppreżenta quddiem it-Tribunal). L-impjieg kien terminat fit-30 ta' Ġunju 2014, ċjoe' dakinhar li għalqu s-sitt xhur ta' *probation*.

iii. Sussegwentement, fl-1 ta' Lulju 2014 kien reġa beda jaħdem sat-30 ta' Settembru, 2014. It-*termination form* iffirmaha l-appellant stess peress li jidher li kien reġistrat bħala *self-employed* (ara fol. 43). Mill-atti l-qorti fehmet li kien qiegħed jaħdem fil-*Mediterranean Conference Centre*, għalkemm jidher ukoll li kien hemm xahrejn fejn il-ħlas sar mill-amministrazzjoni ta' Teatru Manoel (ara fol. 55 u 56).

iv. Fid-dikjarazzjoni l-appellant qal, *"Nispjega illi lejn l-aħħar ġimgħa ta' dan it-tieni kuntratt, Ray Attard u ċioe' CEO tat-Teatru Manoel kellimni u nfurmani li jiena kont sejjer nieqaf minn bażi full-time u kien reġa niżżilni bħala self-employed għal tlett xhur"*.

10. L-impjieg indefinit li kellu l-appellant mal-appellat kien ġie tterminat fiż-zmien tal-probation. Wara dakinhar l-appellant beda jaħdem bħala *self-employed* b'kuntratt ta' servizz, u dan ukoll jekk wieħed jaċċetta t-teżi tal-appellant li baqa' mal-appellat. L-artikolu 34(2) tal-Kap. 452[4] li semma l-appellant fir-rikors promotur, ma japplikax. Disposizzjoni li tapplika għall-kuntratti li jkunu għal żmien speċifikat biss. Fil-fatt mill-provi ma rriżultax li l-appellant kien impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat u meta għalaqlu l-kuntratt kien inżamm fuq kuntratt għal żmien indefinit. Il-qorti tosserva kif:

i. Wara li kien terminat l-ewwel kuntratt, kien hemm perjodu ta' iktar minn xahar li fih ma kienx qiegħed jagħti servizz lill-appellat.

ii. Fir-rigward tat-tieni kuntratt, l-imsemmija disposizzjoni ma tapplikax għaliex dak kien kuntratt ta' impieg indefinit. Impjieg li kien terminat fil-ġurnata li għalaq il-perjodu ta' *probation*.

11. Mid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hu evidenti li laqa' l-eċċezzjoni li l-kawża kienet tardiva skont l-artikolu 75(3) tal-Kap. 45, minħabba li kkonkluda li l-impieg mal-intimata kien terminat fit-30 ta' Ġunju, 2014. Dan bażat fuq is-segwenti provi:

i. Dikjarazzjoni tal-appellant li, *"jiena għamilt tlett xhur naħdem ġewwa l-MCC"*.

---

[4] *"(2) Kull impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien speċifikat li jagħlaqlu ż-żmien tal-kuntratt u li jinżamm fix-xogħol mill-prinċipal jitqies li jkun inżamm fuq kuntratt għal żmien bla limitu* ***jekk dak l-impjegat ma jingħatax kuntratt ta' servizz ġdid fi żmien tnax-il ġurnata minn meta jkun għalaq il-kuntratt ta' qabel****"*.

ii. Termination form a fol. 42 li ffirma l-appellant stess bhala *self-employed* u mhux bħala mpjegat.

12. Irrispettivament minn min beda jħallas lill-appellant, jibqa' l-fatt li l-impieg għal żmien bla limitu ġie tterminat fit-30 ta' Ġunju 2014 fi żmien il-probation. L-għada l-appellant kien ġie mpjegat b'kuntratt ġdid ta' servizz għal żmien speċifiku ta' tlett xhur. Fatt li l-appellant stess ikkonferma fid-dikjarazzjoni.[5] Ukoll jekk l-aħħar kuntratt kien sar bejn il-partijiet, dak il-fatt ma kien ser jibdel xejn u l-ilmenti tal-appellanti (ara paġni 2 u 3 tar-rikors tal-appell) xorta jisfumaw fix-xejn.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[5] Fol. 13.